Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 18 ta' Marzu 2025**
**(OR. en)**

**7073/25**

**SOC 130**
**EMPL 89**

**ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tissostitwixxi membru tal-Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-titjib tal-kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol għall-Belġju |

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**ta' …**

**li tissostitwixxi membru tal-Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-titjib tal-kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol għall-Belġju**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/127 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Jannar 2019 li jistabbilixxi l-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound), u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

[1] ĠU L 30, 31.1.2019, p. 74.

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni tat-28 ta' Marzu 2023[2], il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-titjib tal-kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol għall-perjodu mill-1 ta' April 2023 sal-31 ta' Marzu 2027.

(2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sur Stijn GRYP sar vakanti s-siġġu ta' membru fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tal-impjegati.

(3) L-organizzazzjoni tal-impjegati KETU nnominat kandidat għas-siġġu vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Marzu 2023 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol (Eurofound) (ĠU C 116, 31.3.2023, p. 23).

*Artikolu 1*

Is-Sur Maartin HERMANS huwa maħtur membru tal-Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-titjib tal-kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol minflok is-Sur Stijn GRYP għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-31 ta' Marzu 2027.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ....

*Għall-Kunsill*
*Il-President*